MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2010

Rikors Numru. 456/2010

**Trends Limited**

**-vs-**

**Slipform Engineering International Limited**
**u**
**Grand Hotel Excelsior Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ippreżentat fil-5 ta’ Mejju 2010 li permezz tiegħu s-soċjeta’ rikorrenti ppremettiet:

Illi fit-3 ta’ Mejju 2010, fuq talba tas-soċjeta’ intimata Trends Limited, inħareġ il-Mandat ta’ Sekwestru numru 684/2010 fl-ismijiet premessi *inter alia* kontra s-soċjeta’ rikorrenti u dana in kawtela ta’ kreditu pretiż ta’ tlett mija wieħed u disgħin elf erba’ mija ħamsa u sebgħin Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€391,475.44).

Illi l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni ġie ppreżentat kontestwalment mar-Rikors Ġuramentat numru 445/2010 AL illi ġie ntavolat ukoll mis-soċjeta' intimata Trends Limited *inter alia* kontra s-soċjeta' Grand Hotel Excelsior Limited. Dan ir-rikors ġuramentat għadu ma ġiex appuntat għas-smiegħ u fil-fatt qiegħed fil-proċess li jiġi notifikat lis-soċjetajiet illi kontra tagħhom ġie ppreżentat, inkluż ukoll għalhekk is-soċjeta' rikorrenti.

Illi kif jidher ċar mill-iskritturi privati ta' tranżazzjoni datati 11 ta' Awissu 2009 (esebiti mis-soċjeta' intimata Trends Limited flimkien mar-rikors ġuramentat tagħha fuq imsemmi u mmarkati bħala Dokumenti TL1 u TL2, u illi a bazi tagħhom stess ġew intavolati l-proċeduri odjerni) is-soċjeta' illi daħlet fil-ftehim mas-soċjeta' intimata Trends Limited hija s-soċjeta' Slipform Engineering International Limited. Dan jidher ċar u inekwivoku fl-ewwel parti tal-ftehim fejn gew indikati l-ismijiet tal-partijiet kontrajenti, u anke r-riferenza għas-soċjeta' Slipform Engineering International Limited bħala *"the Client"* u r-riferenza għas-soċjeta' intimata bħala *"the Subcontractor"* tkompli sservi sabiex tillustra l-fatt illi r-relazzjoni ġuridika kienet teżisti biss bejn is-soċjeta' Slipform Engineering International Limited u s-soċjeta' intimata Trends Limited bħala s-sub appaltatur tal-imsemmija soċjeta' Slipform Engineering International Limited u dana in segwitu ta' kuntratt ta' sub appalt bejn l-imsemmija soċjetajiet Slipform Engineering International Limited u s-soċjeta' intimata Trends Limited.

Illi b'żieda ma' dan, għalkemm ma ġewx esebiti mis-soċjeta' intimata Trends Limited flimkien mal-fuq riferit Rikors Ġuramentat tagħha, id-*"Delivery Notes"* konċernati illi kienet tippreparahom u toħroġhom l-istess soċjeta' intimata Trends Limited *man mano* mal-konsenja tax-xogħol u li diversi minnhom qegħdin jiġu annessi ma' dana r-rikors markati bħala Dokumenti GHE-1A – GHE-1E, kienu ġew indirizzati lis-soċjeta' msemmija Slipform Engineering International Limited u l-istess *delivery notes* jindikaw ukoll in-numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT tal-istess soċjeta' Slipform Engineering International Limited, u ċjoe' n-numru 1351-8615.

Illi anke l-istess soċjeta' intimata Trends Limited dana kollu tafu sew, skond kif jidher mill-ittra uffiċjali preċedenti ppreżentata quddiem dina l-Onorabbli Qorti minnha stess fis-26 ta' Frar 2010, fejn l-istess pretensjoni tagħha kienet ġiet avvanzata biss kontra s-soċjeta' Slipform Engineering International Limited (Dokument GHE-2). Dan konvenjentement ma ġiex ippreżentat quddiem dina l-Onorabbli Qorti flimkien mar-rikors ġuramentat, iżda ġiet ippreżentata biss l-ittra uffiċjali sussegwenti tal-4 ta' Marzu 2010 u dan bħala Dokument TL3.

Illi *di piu'*, wara illi kienet ġiet notifikata bl-imsemmija ittra ufficjali tal-4 ta' Marzu 2010, fit-22 ta' April 2010 inkitbet ittra lis-soċjeta' intimata Trends Limited indirizzata lill-Avukat tagħha Dr. John Cremona mill-Avukat Dr. Kevin F. Dingli għan-nom tas-soċjeta' Slipform Engineering International Limited bħala l-unika soċjeta' involuta fil-kwistjoni, mingħajr ebda ammissjoni ta' responsabbilta' anke da parti tas-soċjeta' rikorrenti Grand Hotel Excelsior Limited (Dokument GHE-3).

Illi għalhekk, għar-raġunijiet kollha premessi, u kif jirriżulta minnufih u bl-aktar mod ċar mid-dokumenti kollha rilevanti sew dawk esebiti mill-istess soċjeta' intimata Trends Limited flimkien mar-rikors ġuramentat tagħha kif ukoll mid-dokumenti l-oħra kollha esebiti mis-soċjeta' rikorrenti Grand Hotel Excelsior Limited flimkien ma' dan ir-rikors, il-pretensjoni tas-soċjeta' intimata Trends Limited fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti Grand Hotel Excelsior Limited kif kawtelata bil-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet premessi hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt, u mhux talli hekk iżda talli hija għal kollox frivola u vessatorja.

Illi s-soċjeta' rikorrenti Grand Hotel Excelsior Limited tiġġestixxi l-industrija ta' lukandiera u timpjega l-mijiet, u l-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet premessi kif maħruġa wkoll kontra tagħha b'mod għal kollox infondat, frivolu u vessatorju skond kif fuq premess qiegħda tikkawżalha danni sostanzjali.

Għaldaqstant is-soċjeta' esponenti Grand Hotel Excelsior Limited titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tgħaddi minnufih u urġentement sabiex tordna l-ħruġ ta' Kontro-Mandat fir-rigward tal-fuq imsemmi Mandat ta' Sekwestru numru 684/2010 fl-ismijiet premessi maħruġ minn din l-Onorabbli Qorti fit-3 ta' Mejju 2010 fuq it-talba tas-soċjeta' intimata Trends Limited, in kwantu jirrigwarda s-soċjeta' rikorrenti Grand Hotel Excelsior Limited, u dana a bażi tal-Artikolu 836 sub-inċiż (1), paragrafi (b) u / jew (d) u / jew (f) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta), u dana taħt dawn il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jista' jidhrilha li huma xierqa u opportuni li timponi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u b'riserva għal kull azzjoni kompetenti skond il-liġi lis-soċjeta' rikorrenti Grand Hotel Excelsior Limited kontra s-soċjeta' intimata Trends Limited, fosthom azzjoni għad-danni kollha ġia' sofferti, li għadhom qegħdin jiġu sofferti u li għad iridu jiġu sofferti mill-istess soċjeta' rikorrenti Grand Hotel Excelsior Limited in konsegwenza tal-ħruġ nfondat u malizzjuż tal-fuq imsemmi Mandat ta' Sekwestru Numru 684/2010 kontra tagħha.

Rat ir-risposta tas-soċjeta' intimata, ppreżentata fit-13 ta' Mejju 2010, li permezz tagħha esponiet:

1. Illi l-kreditu *ossia* bilanċ ta' somma akbar li għaliha l-esponenti ntavolat l-proċeduri fl-ismijiet fuq premessi kif ukoll il-mandat *de quo* jirrappreżenta ammont dovut lilha in kwantu prezz ta' għamara u *fixtures* oħra tal-injam li ġew ordnati mis-soċjetajiet Slipform Engineering International Limited u Grand Hotel Excelsior Limited u li ġew debitament ikkonsenjati fil-lukanda in kwistjoni ġestita minn Grand Hotel Excelsior Limited kif jirriżulta *del resto* mid-*delivery notes* stess (Dok GHE1A – GHE1E esebiti mir-rikorrenti) u li ġew debitament aċċettati minnhom a sodisfazzjon pjen tagħhom kif jirriżulta miż-żewġ skritturi privati Dok TL1 u TL2.

2. Illi l-għamara u *fixtures* jinsabu attwalment fil-lukanda Grand Hotel Excelsior Limited li qiegħda topera.

3. Illi l-pagamenti tax-xogħol, effettivament, saru mill-kumpanija Grand Hotel Excelsior Limited kif jixhdu l-kopji taċ-ċekkijiet hawn annessi u mmarkati Dok. TL3 sa TL13.

4. Illi d-*delivery notes* esebiti mir-rikorrenti effettivament huma ntestati lil 'Excelsior Malta' u lil 'Slipform Engineering Int. Ltd'.

5. Illi ta' min josserva li l-iskrittura privata datata 11 ta' Awissu 2009 Dok. TL1 hi ntestata fuq *letter-heads* tal-kumpanija Grand Hotel Excelsior Limited. L-iskrittura privata l-oħra (Dok. TL2) hi ntestata fuq dawk tas-soċjeta' Slipform Engineering International Limited. Illi, hawnhekk, ta' min wieħed jiftaħ parantesi żgħira u jsemmi li meta l-esponenti rrimarkat li l-iskritturi kellhom ukoll jiġu ffirmati mill-kumpanija Grand Hotel Excelsior Limited ir-rikorrenti daħket bl-esponenti u minflok (biex ostensibbilment *'isaħħulha l-pożizzjoni legali tagħha'*) qalulha li minflok kienu ser jistampaw il-ftehim fuq il-*letterheads* tal-kumpanija Grand Hotel Excelsior Limited.

6. Illi, effettivament, jekk ir-rikorrenti jixtiequ jinħelsu mill-effetti tal-mandat *de quo* jistgħu jintavolaw proċeduri *ad hoc ai termini* tal-artikolu 836 sub-inċiż (1) (c) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi joffru garanzija alternattiva u adegwata.

7. Illi, fir-realta', il-proċeduri odjerni jirrappreżentaw tentattiv ċar min-naħa tar-rikorrenti sabiex jevitaw li jħallsu lill-esponenti peress li l-kumpanija Slipform Engineering International Limited x'aktarx hi *shell company* li m'għandha assi ta' xejn.

8. Illi, effettivament, il-kumpaniji Slipform Engineering International Limited u Grand Hotel Excelsior Limited għandhom l-istess diretturi u l-istess *beneficial owners* bid-differenza pero', li filwaqt li l-għamara (li dwarha l-esponenti qed tikkawtela l-pretensjonijiet tagħha) qiegħda fil-lukanda ġestita mis-soċjeta' Grand Hotel Excelsior Limited li, effettivament, topera l-istess lukanda (u għalhekk, għandha introjtu) u qed tagħmel użu mill-

istess għamara u li, effettivament, effettwat il-pagamenti għall-istess għamara sa llum, is-soċjeta' Slipform Engineering International Limited m'għandha ebda introjtu u x'aktarx l-esponenti ma tkunx tista' tinforza sentenza eventwali kontriha.

9. Fl-aħħar lok, u għar-raġunijiet fuq premessi u għal dawk ir-raġunijiet oħra li *talvolta* jistgħu jirriżultaw waqt il-mori tal-proċeduri, għandu jirriżulta ċar li fil-ħruġ tal-mandat *de quo*, l-esponenti pprevalixxiet ruħha mid-dritt tagħha mogħti skond il-Liġi għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju sabiex tikkawtela l-kreditu tagħha fil-mori tal-kawża, u għalhekk mhux minnu illi l-mandat ta' sekwestru *de quo* huwa frivolu jew inħareġ b'xi skop vessatorju.

Għaldaqstant, l-esponenti tissottometti umilment illi dina l-Onorabbli Qorti, f'dan l-istadju, għandha tirrespinġi t-talba kontenuta fir-Rikors tal-intimat, bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

Salv kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Mejju 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Avukati trattaw ir-rikors.

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta' rikorrenti qed titlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru illi inħareġ fuq talba tas-soċjeta intimata li jġibu n-numru ndikati fl-okkju u qed jiċċitaw tlett kawżali, l-Artikolu 836 (1) (b) (c) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-sub-artikolu tal-Artikolu 836 indikat mir-rikorrenti jsemmi fost ir-raġunijiet li jiġġustifikaw it-tneħħija tal-mandat;

*(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-mandat ma jkunux għadha fil-fatt teżisti;*

*(c) li jkun hemm garanzija xierqa oħra biex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun ħareġ il-att kawtelatorju sew bi*

*ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor jew inkella dik il-garanzija l-oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-Qorti tissodisfa dik il-pretensjoni;*

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minn m'huwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli*.

Fir-rigward tal-proċeduri li jsiru *ai termini* tal-artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara illi hija b'ebda mod m'għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi il-Qrati tagħna l-proċedura maħsuba fl-artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' *prima facie.* Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża **"Camilleri vs Gove et"** deċiża fl-10 ta' Mejju 2001 b'dan il-kliem: *"mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."* (ara wkoll is-sentenza fil-kawża **"Emanuel Sammut vs Josephine Sammut"** deċiża fil-5 ta' Ġunju 2003).

Għalhekk il-Qorti trid tara jekk *prima facie* jeżistux raġunijet, dejjem skond is-sub-artikoli msemmija mir-rikorrenti, biex il-mandat jiġi revokat, parzjalment jew *in toto.*

Mandat kawtelatorju jinħareġ biex il-kreditur *iqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tiegħu*. (artikolu 829 tal-Kap. 12). M'għandux jinħareġ biex iġib l-allegat debitur għarkubbtejh, bid-dovut rigward għad-drittjiet tal-allegat kreditur illi jekk ikollu indizju ċar *li l-kreditu tiegħu jista' jiġi eluż* (kif kien jingħad fir-rikorsi għall-ħruġ tagħhom antikament, u ċjoe' qabel ir-rikorsi saru jsiru permezz ta' formoli apposta) ikun jista jitlob miżuri maħsuba mill-istess liġi biex jipproteġi d-drittijiet tiegħu.

Is-soċjeta rikorrenti qed titlob ir-revoka tal-mandat għaliex skond hi, m'hemm ebda relazzjoni ġuridika bejnha u s-soċjeta' intimata. Jidher mad-daqqa t'għajn, illi fil-fatt il-kuntratti ta' appalt saru bejn is-soċjetajiet Trends u Slipform. Madankollu jirriżulta li din tal-aħħar hija soċjeta' tal-istess propjetarji tas-soċjeta' rikorrenti; u l-ħlasijiet li saru sa issa saru kollha mis-soċjeta' rikorrenti. Għalhekk is-soċjeta' intimata ħarrket liż-żewġ soċjetajiet u fl-istess waqt talbet u ottjeniet il-ħruġ tal-mandat kawtelatorju in kwistjoni anke fir-rigward tas-soċjeta' rikorrenti.

Mit-tlett sub-inċiżi msemmija fir-rikors l-unika lanjanza illi mhix *prima facie* infondata hija dik indikata mis-sub-inċiż (f) għaliex huwa ċar li l-ewwel tnejn mhux applikabbli għal dan il-każ; infatti fir-rigward tas-sub-inċiż (b) ma nbidel xejn minn meta nħareġ id-digriet kif jipprospetta dan is-sub-inċiż, u fir-rigward ta' (c) ma ġewx indikati xi garanziji addizzjonali li jistgħu jwasslu lill-Qorti biex tilqa' talba minħabba f'hekk.

Jibqa' għalhekk kif ġia' msemmi, is-sub-inċiż (f) li huwa wieħed ta' natura ġenerali. Il-Qorti jidhrilha li l-lanjanza tar-rikorrenti hija marbuta wisq intimament mal-kwistjoni prinċipali bejn il-kontendenti biex tiġi ventilata u deċiża f'dan l-istadju. Infatti apparti l-kwistjoni tal-ammont li jista' jkun dovut, li jidher li huwa kontestat, il-kwistjoni ta' min għandu jħallas dak dovut se tkun missielta sew fis-sede opportuna. Għalhekk jekk din il-Qorti f'dan l-istadju tiddeċiedi li tirrevoka l-mandat minħabba li r-relazzjoni ġuridika bejn is-soċjetajiet imsemmija ma teżistix tkun qegħda tiddeċiedi parti importanti mill-meritu meta dan mhux il-waqt opportun u jekk tagħmel hekk tista' tkun ta' ħsara għas-soċjeta' intimata fis-sens li jista' jkun li ma tkunx tista' titħallas jekk it-talba tagħha tintlaqa' mill-Qorti fuq il-meritu. Kif ġia' ingħad, għalkemm il-kuntratti saru bejn iż-żewġ soċjetajiet imsemmija Slipform u Trends, l-appalt ġie esegwit kollu fil-lukanda proprjeta' tas-soċjeta' rikorrenti li ħallset ġia' parti mill-ammont dovut. Għalhekk għalkemm jista' jkun hemm raġuni biex is-soċjeta' rikorrenti tikkontesta t-talba fil-konfront tagħha, il-Qorti ma jidhriliex li għanda każ *prima facie*, biex tirnexxi fit-talba odjerna.

Ma saret ebda talba oħra *ai termini* tal-artikoli oħra tal-Kap. 12 rilevanti għall-każ .

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------